KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fit-23 ta' Ottubru 2014[1]

**Kawża C-461/13**

**Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland e.V.**
**vs**
**Bundesrepublik Deutschland**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja)]

"Ambjent — Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE — Politika tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ilma — Għanijiet ambjentali relatati mal-ilmijiet tal-wiċċ — Deterjorament tal-istat ta' korp tal-ilma tal-wiċċ — Proġett ta' żvilupp ta' rotta bil-baħar — Obbligu eventwali tal-Istati Membri li jipprekludu kull proġett li għandu jew li jista' jkollu effett negattiv fuq l-istat tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ"

## I – **Introduzzjoni**

1. Dawn id-domandi għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht joriġinaw minn kawża dwar l-iżvilupp tax-xmara Weser, waħda mill-ikbar xmajjar tal-Ġermanja. Il-kawża li tressqet quddiem il-qorti tar-rinviju hija bejn il-Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland e.V. (Federazzjoni għall-ambjent u l-protezzjoni tan-natura, iktar 'il quddiem il-"BUND"), organizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru, u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-kwalità tagħha ta' promotur ta' proġett ta' tkabbir tal-Weser, intiż għall-passaġġ ta' vapuri li jġorru kontejners ikbar fil-portijiet ta' Bremerhaven, Brake u Bremen. Fil-kuntest ta' din il-kawża, tqajmet il-kwistjoni dwar il-bidliet fiżiċi sostanzjali u dik dwar il-konsegwenzi idrawliċi u morfoloġiċi perikolużi implikati bl-imsemmi proġett għall-ekosistema ta' Weser.

2. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tiddetermina l-portata tal-kunċetti ta' "għanijiet ambjentali" u ta' "deterjorazzjoni" tal-istat ta' kull korp tal-ilma msemmi fl-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-ilma"[2]).

3. L-interpretazzjoni tal-imsemmija kunċetti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tindirizza diversi sfidi, fosthom dawk prinċipali li huma s-segwenti.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275. Din id-direttiva ġiet ikkompletata bid-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġiż u d-deterjorament (ĠU L 372, p. 19) u d-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 348, p. 84).

4. L-ewwel nett, minkejja li d-Direttiva dwar l-ilma kellha l-intenzjoni tistabbilixxi bażi komuni essenzjali sabiex tikkoordina d-diversi testi leġiżlattivi Komunitarji u nazzjonali fis-seħħ, xorta jibqa' l-fatt li d-Direttiva dwar l-ilma hija att kumpless u partikolarment elaborat li l-fehim tiegħu huwa eċċezzjonalment diffiċli[3]. B'mod partikolari, it-teknika ġuridika li tikkonsisti f'diversi riferimenti għal dispożizzjoni jew oħra u għal atti oħra kif ukoll għat-twaqqif ta' diversi derogi li l-portata tagħhom ma hijiex identifikabbli b'mod ċar tqajjem diversi diffikultajiet[4]. F'dan ir-rigward, huwa karatteristiku li s-sistema ta' ġestjoni tal-ilma li tirriżulta mid-Direttiva dwar l-ilma tagħti lok għall-adozzjoni ta' numru impressjonanti ta' atti spjegattivi[5], tal-ħolqien ta' data speċjalizzata[6], kif ukoll għal xogħlijiet ta' riċerka dwar l-ilma fil-kuntest tas-7 programm ta' riċerka tal-UE[7].

5. It-tieni nett, b'rabta mad-diffikultajiet imsemmija iktar 'il fuq, il-kawża tirrileva konfrontazzjoni bejn żewġ viżjonijiet kompletament kontradittorji tad-Direttiva dwar l-ilma. L-ewwel approċċ jista' jiġi kklassifikat bħala minimalist sa fejn id-Direttiva dwar l-ilma titqies li hija sempliċement strument ta' planifikazzjoni fuq skala kbira tal-ġestjoni tal-ilmijiet. *A contrario*, skont approċċ ieħor li naqbel miegħu, id-Direttiva dwar l-ilma tikkorrispondi għal metodoloġija ġdida tal-ġestjoni tal-ilmijiet li jkopru mhux biss il-livell tal-pjanifikazzjoni, iżda wkoll il-livell tal-implementazzjoni tal-għanijiet ambjentali vinkolanti, li tfisser l-adozzjoni ta' miżuri konkreti intiżi li jiggarantixxu l-istat tajjeb tal-ilmijiet u jevitaw deterjorament tal-istat tal-ilmijiet. Għaldaqstant, ir-risposta għad-domandi magħmula teħtieġ analiżi profonda tat-termini, tal-metodi u tal-parametri purament tekniċi u xjentifiċi li jikkostitwixxu l-bażi tas-sistema li tippermetti li jiġi identifikat l-istat ta' ilmijiet.

6. Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li d-Direttiva dwar l-ilma tosserva l-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli li jipprovdi li "l-bżonnijiet tal-ġenerazzjoni attwali għandhom jiġu sodisfatti mingħajr ma tiġi affettwata l-kapaċità ta' ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom". Hemm inkwistjoni għan fundamentali tal-Unjoni Ewropea, stabbilit fit-Trattat u li huwa meħtieġ għall-attivitajiet u politiki kollha tal-Unjoni[8]. L-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma li għandha tikkonforma mad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tal-ambjent stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, teżiġi għalhekk studju ta' diversi livelli, billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan aħħari tagħha intiż għall-protezzjoni tal-ilma bħala beni komuni li tirriżulta fiż-żamma, fit-titjib u fil-projbizzjoni tad-deterjorament tal-ambjent akwatiku tal-Unjoni[9].

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

7. Fid-dawl tal-kumplessità tas-sistema stabbilita mid-Direttiva dwar l-ilma, huwa importanti li jiġu ppreżentati dawn il-kunċetti prinċipali.

3 — Ara, f'iktar dettall: Josefsson H., Baaner, L., "The Water Framework Directive: A Directive for the Twenty-First Century?", *Journal of Environmental Law*, Vol. 23 (2011), nº 3, p. 463; Irvine, K., "Classifying ecological status under the European Water Framework Directive: the need for monitoring to account for natural variability", *Aquatic Conservation: Marine and Freshwater Ecosystems*, Vol. 14, issue 2 (2004), p. 107; Thieffry, P., "Le nouveau cadre de la politique communautaire de l'eau", *Europe*, nº 2 (2001), p. 4; u Leprince, S., "La directive cadre 2000/60/CE 'eau': exposé général et premières considérations relatives à sa mise en oeuvre", fi Neuray, J.F., (ed.), *La directive 2000/60/CE du 23 octobre 2000 établissant un cadre pour une politique communautaire dans le domaine de l'eau*, Bruylant, 2005.

4 — Bħala eżempju, fl-Artikolu 2 tagħha, id-DCE tinkludi 41 definizzjoni differenti, b'mod li tkopri kemm kunċetti ġeografiċi kif ukoll kunċetti tekniċi dwar l-istat tal-ilmijiet. L-għan tad-DĊE huwa deskritt b'madwar sitt karatteristiċi elenkati fl-Artikolu 1 tagħha. Barra minn hekk, id-determinazzjoni tal-għanijiet ambjentali hija ddefinita fl-Artikolu 4 b'sistema li tinkludi diversi livelli ta' derogi.

5 — Ara dokumenti ta' orjentazzjoni tal-Kummissjoni miġbura fis-sit http://www.waterframeworkdirective.wdd.moa.gov.cy/guidance.html

6 — Bħal WISE, INSPIRE, SEIS, GMES.

7 — Ara Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa COM(2012) 673 finali, p. 18.

8 — Eżami tal-istrateġija tal-UE favur żvilupp sostenibbli (SDD de l'UE) – Strateġija ġdida, Dokument tal-Kunsill 10917/06, tas-26 ta' Ġunju 2006.

9 — Ara l-premessa 19 tad-Direttiva dwar l-ilma.

8. L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar l-ilma jipprovdi li d-direttiva għandha l-iskop li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ interni, ilmijiet temporanji, ilmijiet tal-kosta u ilmijiet ta' taħt l-art li:

"a) jipprevjeni aktar deterjorazzjoni u jipproteġi u jżid l-istatus tal-ekosistemi akkwatiċi u, bil-konsiderazzjoni tal-ħtiġiet tagħhom ta' l-ilma, ekosistemi terrestri u artijiet mistagħdra li jiddependu direttament fuq ekosistemi akkwatiċi;

[...]"

9. Għal dan il-għan, l-ilmijiet kollha koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma[10] jaqgħu taħt waħda mill-unitajiet previsti fid-Direttiva dwar l-ilma, jiġifieri baċin tax-xmara, distrett ta' baċin tax-xmara kif ukoll korp tal-ilma. Il-kunċett ta' baċin tax-xmara huwa ddefinit fl-Artikolu 2(13) u jirreferi għal żona li fiha l-ilmijiet ġiera kollha jikkonverġu fil-baħar. Il-kunċett ta' distrett tax-xmara, imsemmi fl-Artikolu 2(15), jikkorrispondi għal żona magħmula minn diversi baċini, u li tikkostitwixxi unità prinċipali għall-finijiet tal-ġestjoni tagħhom.

*10. A contrario*, il-kunċett ta' korp tal-ilma għandu bħala għan l-identifikazzjoni tal-karatteristiċi kollha kif ukoll tal-istat attwali tal-ilmijiet. Għalhekk, skont l-Artikolu 2(10), *korp tal-ilma tal-wiċċ*[11] jikkorrispondi għal parti distinta u sinjifikattiva tal-ilmijiet tal-wiċċ bħal lag, ġibjun, ilma kurrenti, xmara jew kanal, parti minn ilma kurrenti, xmara jew kanal, ilma tranżizzjonali jew tul ta' ilma kostali. Id-Direttiva dwar l-ilma tirreferi wkoll għall-kunċett ta' *korp tal-ilma modifikat ħafna*, li jirreferi, skont l-Artikolu 2(9) għal kull korp li minħabba bidliet fiżiċi dovuti għall-attività mill-bniedem jinbidel sostanzjalment fir-rigward tan-natura tiegħu.

11. Għaldaqstant, il-korpi tal-ilma tal-wiċċ li jinsabu f'distrett tax-xmara għandhom, l-ewwel nett, jaqgħu f'waħda mill-kategoriji (xmajjar, lagi, ilmijiet temporanji jew ilmijiet tal-kosta jew tal-qiegħ[12]). It-tieni nett, għal kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ, isir tqassim tal-korpi tad-distrett imqassma f'tipi, skont iż-żewġ sistemi A jew B, iddefiniti fil-punt 1.2. tal-Anness II. Is-sistema A, fissa, hija bbażata fuq "eko-reġjuni" u parametri obbligatorji, filwaqt li s-sistema B hija flessibbli b'diversi parametri fakultattivi.

12. Il-kunċett ta' *stat tal-ilma tal-wiċċ* huwa ddefinit fl-Artikolu 2(17) tad-Direttiva tal-ilma bħala stat ta' korp tal-ilma tal-wiċċ iddeterminat mill-agħar stat ekoloġiku tiegħu u mill-istat kimiku tiegħu. Id-Direttiva dwar l-ilma tistabbilixxi fl-Artikolu 2(18), l-*istat tajjeb* ta' korp tal-ilma tal-wiċċ meta l-istat ekoloġiku u l-istat kimiku tiegħu huma inqas tajbin. Il-kunċetti ta' *stat ekoloġiku*, ta' *stat ekoloġiku tajjeb* kif ukoll ta' *stat kimiku tajjeb* huma, min-naħa tagħhom, iddefiniti fl-Artikolu 2, fil-punti 21, 22 u 24 tad-Direttiva dwar l-ilma rispettivament[13].

10 — Id-Direttiva dwar l-ilma tapplika fid-dawl tal-Artikolu 1 tagħha għall-ilmijiet kollha: ilmijiet tal-wiċċ interni, ilmijiet temporanji, ilmijiet tal-kosta u ilmijiet ta' taħt l-art.

11 — Definizzjoni distinta hija prevista għal korp ta' ilma ta' taħt l-art.

12 — Ara l-Anness II, punt 1.1 tad-Direttiva dwar l-ilma.

13 — L-Artikolu 2(21) dwar l-istat ekoloġiku jirreferi għall-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma, li jippermetti l-klassifika tal-istat tal-korpi tal-ilma u, konsegwentement, id-determinazzjoni tar-riżultati li għandhom jintlaħqu f'termini ta' kwalità tal-ilmijiet. L-Artikolu 2(24) tad-Direttiva dwar l-ilma, li jikkonċerna l-istat tajjeb kimiku jirreferi għall-Anness IX tad-Direttiva dwar l-ilma. L-istat kimiku ta' korp tal-ilma tal-wiċċ huwa ddeterminat b'riferiment għall-osservanza tal-istandards tal-kwalità ambjentali (SKA) permezz ta' valuri limiti. Hemm żewġ klassijiet stabbiliti: tajjeb (osservanza) u mhux tajjeb (nuqqas ta' osservanza). 41 sustanza huma kkontrollati: 8 sustanzi msejħa perikolużi (Anness IX tad-Direttiva dwar l-ilma) u 33 sustanza prijoritarji (Anness X tad-Direttiva dwar l-ilma).

13. L-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva dwar l-ilma, intitolat "Għanijiet ambjentali", jipprovdi:

"1. Meta l-programmi ta' miżuri speċifikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara ikunu qed isiru operazzjonali:

a) għall-ilma tal-wiċċ

i) L-Istati Membri jridu jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu deterjorazzjoni tal-istat ta' kull korp ta' l-ilma tal-wiċċ, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' paragrafi 6 u 7 u mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

ii) L-Istati Membri jridu jipproteġu, jenfazizzaw u jsaħħu l-korpi kollha ta' l-ilma tal-wiċċ, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' sottoparagrafu (iii) għal korpi ta' l-ilma artifiċjali u modifikati ħafna, bil-ħsieb li jinkiseb stat tajjeb ta' l-ilma tal-wiċċ mhux aktar tard minn 15 il-sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, bi qbil mad-disposizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skond paragrafu 4 u għall-applikazzjoni ta' paragrafi 5, 6 u 7 mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

iii) L-Istati Membri jridu jipproteġu u jiżviluppaw il-korpi ta' l-ilma kollha artifiċjali u modifikati ħafna, bil-mira li jinkiseb stat tajjeb ta' ilma tal-wiċċ kimiku u potenzjal ekoloġiku tajjeb mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, bi qbil mad-disposizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skond paragrafu 4 u għall-applikazzjoni ta' paragrafi 5, 6 u 7 mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

[...]"

14. L-Artikolu 4(4), (5), (6) u (7) jistabbilixxi serje ta' derogi mill-għanijiet stabbiliti. B'mod partikolari, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar l-ilma jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' deroga, f'każ ta' bidliet ġodda tal-karatteristiċi fiżiċi ta' korp tal-ilma tal-wiċċ jew ta' bidliet fil-livell tal-korpi tal-ilma taħt l-art, jew ta' attivitajiet ġodda ta' żvilupp sostenibbli mill-bniedem.

15. L-Artikolu 11(1) tad-Direttiva dwar l-ilma jirreferi għat-twaqqif ta' programmi ta' miżuri, li jikkostitwixxi strument ta' pjanifikazzjoni ta' bażi għal kull distrett idrografiku jew għal parti mid-distrett idrografiku internazzjonali stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru. Il-programmi għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-analiżi previsti fl-Artikolu 5 sabiex jitwettqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

16. L-Artikolu 13 jirreferi għall-*pjanijiet ta' mmaniġġjar* ta' baċin tax-xmara stabbiliti skont l-Anness VII. Minn dan jirriżulta, b'mod partikolari, li tali pjan ta' ġestjoni jinkludi lista ta' għanijiet ambjentali stabbiliti skont l-Artikolu 4 kif ukoll l-identifikazzjoni tal-każijiet fejn intuża l-Artikolu (4), (5), (6) u (7). Il-pjan ta' ġestjoni jinkludi sunt tal-programm jew tal-programmi ta' miżuri adottati skont l-Artikolu 11, b'mod partikolari l-mod kif għandhom jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti skont l-Artikolu 4.

## III – **Il-fatti fil-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

17. B'deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-15 ta' Lulju 2011 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' approvazzjoni"), il-Wasser- und Schiffahrtsdirektion Nordwest (Amministrazzjoni tal-ilmijiet u tal-passaġġi tal-ilma tal-Majjistral), awtorità amministrattiva federali, awtorizzat tliet proġetti dwar l-iżvilupp tax-xmara Weser, rotta tal-baħar bi status federali.

18. L-ewwel proġett għandu bħala għan l-iżvilupp tal-Weser esterna bejn il-baħar miftuħ u Bremerhaven. F'dan ir-rigward, huwa previst li jitwessa' l-kanal tagħha b'massimu ta' 1.16 m sabiex il-vapuri li jġorru l-kontejners il-kbar li għandhom fundar b'tul ta' mhux iktar minn 13.5 m jkunu jistgħu jaċċedu għall-port ta' Bremerhaven indipendentement mill-marea.

19. It-tieni proġett jikkonċerna l-iżvilupp tal-Weser interna mill-għajn ta' Bremerhaven sa Brake permezz tal-fnad tal-kanal b'mhux iktar minn metru sabiex il-vapuri li għandhom fundar b'tul ta' 12.8 m jkunu jistgħu jaċċedu l-port fil-marea.

20. It-tielet proġett għandu bħala għan l-iżvilupp tal-Weser interna mill-għajn ta' Bremerhaven sa Bremen. F'din il-parti tax-xmara, huwa previst il-fnad tal-kanal sabiex il-port ta' Bremen ikun aċċessibbli, bil-marea, mill-vapuri li għandhom fundar b'tul ta' mhux iktar minn 11.1 m. Preżentement, il-port ta' Bremen huwa aċċessibbli, bil-marea, minn vapuri li għandhom fundar ta' mhux iktar minn 10.7 m.

21. It-twettiq tal-proġetti jimplika li s-sodda tax-xmara tinġarr fil-kanal. Minn meta jsir it-tħaffir inizjali sal-fnad previst fil-kuntest tal-iżvilupp, huwa neċessarju li jsir dragar għall-manteniment tal-qiegħ tal-ilma. Huwa previst li r-residwu tal-idragar li jirriżulta mill-iżvilupp u mill-manteniment huwa skarikat fiż-żona tal-Weser esterna u tal-Weser interna li diġà intużaw għal dan l-effett preċedentement.

22. Minbarra r-riperkussjonijiet diretti tal-idragar u tal-iskarikar, skont il-qorti tar-rinviju, il-proġetti għandhom konsegwenzi oħra idroloġiċi u morfoloġiċi għall-porzjonijiet tax-xmara kkonċernati. Għalhekk, b'mod partikolari, il-veloċità tal-kurrent ser tkun iktar b'saħħitha fil-marea lejn l-isfel milli fil-marea lejn fuq; il-livelli tal-baħar miftuħ ikunu ogħla; il-livelli tal-punt l-iktar baxx tal-ilma ser ikunu iktar baxxi; is-salinità ser tiżdied f'ċerti partijiet tal-Weser interna u l-limitu tal-ilmijiet salmastri tal-Weser intern ser jiċċaqlaq 'il fuq; u, fl-aħħar nett, is-sedimentazzjoni tas-sodda tax-xmara ser tiżdied barra mill-kanal.

23. Fost il-korpi tal-ilma kkonċernati, l-"ilmijiet temporanji tal-Weser" u ż-"żona intermarea fuq Brake" huma ddefiniti bħala "modifikati ħafna" fis-sens tal-Artikolu 2(9) tad-Direttiva dwar l-ilma. Ir-reġjun ta' Weser esterna huwa ddefinit bħala korp tal-ilma naturali sa fejn jagħmel parti mill-ilmijiet tal-kosta. Barra minn hekk, diversi korpi tal-ilma li jagħmlu parti minn xmajjar sekondarji huma kkonċernati; uħud huma ddefiniti bħala naturali u oħrajn bħala "modifikati ħafna".

24. Fil-kuntest tal-eżami ta' dawn il-proġetti, l-awtorità kompetenti kkonkludiet li ma kienx hemm lok għall-aspettattiva ta' deterjorament, fis-sens tad-Direttiva dwar l-ilma, fir-rigward tal-ilmijiet tal-kosta. *A contrario*, hija qieset li l-istat attwali tal-korpi tal-ilma "Weser/żona intermarea fit-Tramuntana ta' Brake, tat-tip 22.3" u "ilmijiet temporanji tat-tip T1" kienu intiżi li jiġu modifikati b'mod negattiv bl-effetti tal-proġetti ta' żvilupp, mingħajr ma dan wassal għal modifika tal-klassi tal-istat skont l-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma. Skont l-awtorità kompetenti, tali deterjorament ġewwa klassi tal-istat ma għandux jitqies li huwa deterjorament tal-potenzjal ekoloġiku jew tal-istat. Sussidjarjament, l-awtorità kompetenti kkunsidrat li l-kundizzjonijiet ta' deroga mill-projbizzjoni ta' deterjorament li tirriżulta mill-Artikolu 31(2) tal-Liġi Federali dwar is-sistema tal-ilmijiet (Wasserhaushaltsgesetz, iktar 'il quddiem il-"WHG"[14]) u tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar l-il ma kienu sodisfatti.

14 — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 31(2) tal-WHG tipprovdi: "2) Fil-każ li l-istat tajjeb ekoloġiku tal-ilmijiet tal-wiċċ ma jintlaħaqx jew fil-każ li l-istat tagħhom jiddeterjora, dan ma jkunx imur kontra l-għanijiet ta' ġestjoni stabbiliti fl-Artikoli 27 u 30 sa fejn 1) dan ikun jirriżulta minn modifika ġdida tal-karatteristiċi fiżiċi tal-ilmijiet jew tal-livell pieżometriku tal-ilmijiet ta' taħt l-art, 2) din il-modifika tkun tissodisfa interess ġenerali predominanti jew il-benefiċċji tal-modifika l-ġdida għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni jew għall-iżvilupp sostenibbli jkunu superjuri għall-benefiċċji għall-ambjent u għall-kollettività li huma marbuta mat-twettiq tal-għanijiet ta' ġestjoni, 3) l-għanijiet li jkunu milħuqa bil-modifika tal-ilmijiet ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'miżuri oħra xierqa li l-effett negattiv tagħhom fuq l-ambjent huwa kunsiderevolment inqas, li huma teknikament possibbli u li l-ispejjeż tagħhom ma humiex sproporzjonati u 4) il-miżuri kollha xierqa fil-prattika jittieħdu sabiex jitnaqqas l-effett negattiv fuq l-istat tal-ilmijiet."

25. Il-BUND ikkontestat id-deċiżjoni tal-approvazzjoni billi invokat diversi ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' żvilupp, tal-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent u tal-protezzjoni tal-ambjent, kif ukoll in-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tal-ilmijiet li jittrasponu d-Direttiva dwar l-ilma.

26. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Bundesverwaltungsgericht ressqet id-domandi segwenti preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 (iktar 'il quddiem id-'Direttiva Qafas dwar l-ilma'), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati — sakemm ma tingħatax deroga — jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni ta' proġett meta dan ikun ta' natura tali li jkun jista' jikkawża deterjorament tal-istat ta' korp tal-ilma tal-wiċċ jew għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi biss għan fil-qasam tal-ippjanar tal-immaniġġjar?

2) Il-kunċett ta' 'deterjorazzjoni tal-istat' li jinsab fl-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri biss bidliet li jimplikaw klassifikazzjoni fi klassi inferjuri fis-sens tal-Anness V tad-direttiva msemmija?

3) Fil-każ li t-tieni domanda tingħata risposta negattiva, f'liema ċirkustanzi għandu jiġi konkluż li jkun hemm 'deterjorazzjoni tal-istat' fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma?

4) L-Artikolu 4(1)(a)(ii) u (iii) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati — sakemm ma tingħatax deroga — jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni ta' proġett meta dan jikkomprometti l-għan li jinkiseb stat tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ jew potenzjal ekoloġiku tajjeb jew stat kimiku tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ sad-data prevista minn din id-direttiva jew għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi biss għan fil-qasam tal-ippjanar tal-immaniġġjar?"

27. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Awwissu 2013. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-BUND, mir-Repubblika tal-Ġermanja, mill-Pajjiżi l-Baxxi, mir-Repubblika tal-Polonja, mir-Renju Unit u mill-Kummissjoni. Il-BUND, ir-Repubblika tal-Ġermanja, il-Freie Hansestadt Bremen, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni nstemgħu fis-seduta li nżammet fit-8 ta' Lulju 2014.

## IV – **Analiżi**

### A – *Fuq l-ipproċessar tad-domandi preliminari*

28. Minkejja li l-qorti tar-rinviju ressqet erba' domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fehma tiegħu huwa ċar li dawn jikkonċernaw żewġ temi prinċipali dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva dwar l-ilma.

29. Għalhekk, qabel xejn, l-ewwel tema li jirreferu għaliha l-ewwel u r-raba' domandi preliminari, hija dik dwar jekk l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma jipprevedix sempliċi għan ġenerali fil-qasam tal-pjanifikazzjoni tal-ġestjoni tal-ilmijiet jew jekk din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi kull deterjorament tal-istat tal-korpi tal-ilma marbuta mat-twettiq ta' proġetti differenti, bl-eċċezzjoni ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jirrilevaw derogi previsti mid-Direttiva dwar l-ilma. Din it-tema tinkludi wkoll id-diffikultà tal-portata tal-obbligu tat-titjib li jirriżulta mid-Direttiva dwar l-ilma.

30. It-tieni tema mqajma mill-qorti tar-rinviju fit-tieni u fit-tielet domandi preliminari[15] hija dik dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "deterjorazzjoni tal-istat" imsemmi fl-Artikolu 4(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma.

31. Konsegwentement, nipproponi li nikkategorizza d-domandi magħmula skont is-suġġetti msemmija.

B – *Fuq l-għan stabbilit mid-Direttiva dwar l-ilma tal-prevenzjoni ta' kull deterjorament supplimentari (l-ewwel u r-raba' domanda preliminari)*

1. L-osservazzjonijiet tal-partijiet

32. Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk id-Direttiva dwar l-ilma tistabbilixxix prinċipju bażiku dwar il-projbizzjoni ta' deterjorament tal-istat tal-korpi kollha tal-ilma tal-wiċċ, bla ħsara għad-derogi li jirriżultaw mid-Direttiva dwar l-ilma.

33. Rigward dan is-suġġett, il-partijiet fil-proċedura jieħdu pożizzjonijiet dijametrikament opposti. Minn naħa, il-BUND, il-Gvern Brittaniku u l-Gvern Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni, jaqblu mal-analiżi żviluppata mill-qorti tar-rinviju li l-Artikolu 4(1)(a)(i)(ii) u (iii) tad-Direttiva dwar l-ilma għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma marbuta — bla ħsara għall-għoti ta' deroga — jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni ta' proġett meta dan jista' jipprovoka deterjorament tal-istat tal-korp ta' ilma tal-wiċċ jew ta' stat kimiku tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ. Għalhekk, kemm il-kliem kif ukoll l-istruttura u l-finalità tad-Direttiva dwar l-ilma jimmilitaw favur interpretazzjoni li l-projbizzjoni tad-deterjorament prevista toħloq, fir-rigward tal-Istati Membri, obbligu awtonomu fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni tal-proġetti, li ma taqax taħt il-pjanifikazzjoni tal-ġestjoni. Fl-istess linja ta' ħsieb, il-Gvern Franċiż ippreċiża waqt is-seduta li, fil-fehma tiegħu, l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma ma jikkorrispondix biss għal għan, iżda li hemm inkwistjoni obbligu li jiġu adottati l-miżuri konkreti.

34. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Olandiż jikkunsidraw li l-għanijiet ambjentali li jinsabu fl-Artikolu 4(1)(a)(i) sa (iii) tad-Direttiva dwar l-ilma jikkonċernaw il-pjanijiet ta' distrett tal-baċir u l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri għall-ilmijiet tal-wiċċ. Għalhekk, skont dawn il-gvernijiet, ma hemmx inkwistjoni kriterji għall-approvazzjoni ta' proġetti individwali. Barra minn hekk, il-Gvern Olandiż isostni li d-Direttiva dwar l-ilma tippreskrivi approċċ "programmatiku" fis-sens li tħalli lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fir-rigward tal-implementazzjoni tagħha[16].

35. Barra minn hekk, il-Gvern Ġermaniż isostni li l-kliem tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma ma jipprekludix id-deterjoramenti, iżda jeżiġi li jiġu adottati miżuri intiżi għall-prevenzjoni tad-deterjorament. Fil-fatt, il-kliem tal-imsemmija dispożizzjoni ma huwiex imfassal f'forma ta' projbizzjoni, iżda jeżiġi azzjoni pożittiva. Minn dan isegwi li huma biss il-miżuri ta' pjanifikazzjoni pożittivi li huma kkonċernati mill-obbligu li jipprekludu d-deterjoramenti.

15 — Għall-analiżi tar-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ domandi, ara l-punt 85 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 — Sentenza Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 75).

2. Fuq in-natura tad-Direttiva dwar l-ilma u fuq l-integrazzjoni tal-Artikolu 4 fis-sistema tad-Direttiva dwar l-ilma

36. Fid-dawl tal-kumplessità tad-diffikultà esposta, nipproponi li nissokta l-evalwazzjoni tiegħi bi stadji u nanalizza, qabel xejn, il-kunċetti prinċipali tad-Direttiva dwar l-ilma, sabiex sussegwentement nippreżenta l-istadji tad-determinazzjoni tal-għanijiet ambjentali fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma, filwaqt li ninsisti fuq il-karatteristiċi tad-direttiva inkwistjoni. Din l-analiżi ser twassal għal konklużjoni dwar in-natura tal-projbizzjoni tad-deterjorament li għandha tkun sussegwentement sostnuta b'numru ta' ġustifikazzjonijiet.

a) Fuq l-arkitettura tal-kunċetti prinċipali tad-Direttiva dwar l-ilma

37. Bħala introduzzjoni, infakkar li d-Direttiva dwar l-ilma hija direttiva-qafas adottata abbażi tal-Artikolu 175(1) KE (li sar l-Artikolu 192 TFUE). Hija tistabbilixxi l-prinċipji komuni u qafas globali ta' azzjoni għall-protezzjoni tal-ilmijiet u tiżgura l-koordinament, l-integrazzjoni, kif ukoll, għal medda itwal ta' żmien, l-iżvilupp tal-prinċipji ġenerali u tal-istrutturi li jippermettu l-protezzjoni u użu ekoloġikament vijabbli tal-ilma fl-Unjoni. Il-prinċipji komuni u l-qafas globali ta' azzjoni għandhom jiġu żviluppati sussegwentement mill-Istati Membri li għandhom jadottaw serje ta' miżuri partikolari skont it-termini previsti minn din id-direttiva. Madankollu, din tal-aħħar ma tirreferix għall-armonizzazzjoni totali tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-ilma [17].

38. Skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva dwar l-ilma, din id-direttiva għandha bħala *għan* li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ilmijiet li jipprekludi kull degradazzjoni supplimentari, jippreżerva u jtejjeb l-istat tal-ekosistemi akwatiċi. Għaldaqstant, hija permezz ta' tali azzjoni kkoordinata intiża għall-ilmijiet interni tal-wiċċ, għall-ilmijiet ta' tranżizzjoni, għall-ilmijiet tal-kosta u għall-ilmijiet taħt l-art li l-leġiżlatur jiddefinixxi l-għan prinċipali tad-Direttiva dwar l-ilma.

39. Fil-fatt, huwa paċifiku li d-Direttiva dwar l-ilma għandha bħala *għan aħħari* l-konformità tal-kriterju ta' "stat tajjeb" tal-ilmijiet kollha tal-wiċċ u ta' taħt l-art tal-Unjoni sas-sena 2015 [18].

40. F'dan ir-rigward, mill-premessa 25 tad-Direttiva dwar l-art jirriżulta li "[g]ħandhom ikunu ffissati għanijiet ambjentali biex jiżguraw stat tajjeb fl-ilma tal-wiċċ u tal-qiegħ fil-Komunità u li tkun imwaqqfa d-deterjorazzjoni fl-istat tal-ilmijiet f'livell Komunitarju".

41. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-ilma jikkostitwixxi d-dispożizzjoni fundamentali sa fejn jikkjarifika l-*għanijiet ambjentali* li l-Istati Membri għandhom jilħqu. Għal dan il-għan, huwa jeżiġi żewġ għanijiet distinti, għalkemm marbuta. Minn naħa, skont l-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma, l-Istati Membri għandhom jimplementaw il-miżuri neċessarji sabiex jipprekludu d-deterjorament tal-istat tal-korpi kollha tal-ilma. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 4(1)(a)(ii) u (iii), l-Istati Membri għandhom jipproteġu, itejbu u jistabbilixxu mill-ġdid il-korpi kollha sabiex jaslu għal stat tajjeb l-iktar tard għal tmiem l-2015. Skont l-imsemmi Artikolu 4(1)(a), huwa billi l-programmi ta' miżuri previsti fil-pjan ta' ġestjoni jsiru operazzjonali li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex iwettqu l-għanijiet ta' nuqqas ta' deterjorament, ta' preżervazzjoni u ta' titjib tal-istat tal-korpi tal-ilma. Fl-istess waqt, l-istess Artikolu 4 jikkonċepixxi bħala għanijiet ambjentali l-finalitajiet mixtieqa mil-leġiżlatur, bħall-istat tajjeb tal-ilma tal-wiċċ, potenzjal ekoloġiku tajjeb u stat kimiku tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ.

17 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-32/05, EU:C:2006:749, punt 41) u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-525/12, EU:C:2014:2202, punt 50).

18 — Fir-rigward ta' korpi tal-ilma artifiċjali u modifikati ħafna, huma għandhom madankollu jkunu intiżi għal potenzjal ekoloġiku tajjeb u għal stat kimiku tajjeb.

42. Id-diffikultà kunċettwali inerenti għas-sistema tad-Direttiva dwar l-ilma tinsab għalhekk fis-sovrapożizzjoni mil-leġiżlatur tal-kunċett ta' natura statika (bħall-istat tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ li għandhom jinkisbu fl-2015) u dik tan-natura dinamika (bħal dik tat-twettiq tal-għanijiet ambjentali fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma li tikkorrispondi ma' proċess kontinwu).

b) Fuq l-istadji li jwasslu għad-determinazzjoni tal-għanijiet ambjentali fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma

43. Sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-għanijiet ambjentali, l-Istati Membri għandhom ikollhom stampa tal-karatteristiċi tal-korpi tal-ilma kollha kkonċernati.

44. Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-ilma, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-baċini tax-xmara, jorbtuhom ma' distretti u jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti.

45. Sussegwentement, huma għandhom iwettqu l-karatterizzazzjoni tal-korpi tal-ilma fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-ilma, flimkien mal-Anness II tagħha. Għal dan il-għan, huma għandhom jadottaw għal kull distrett tax-xmara analiżi tal-ispeċifikazzjonijiet tagħhom, flimkien ma' studju ta' effett tal-attività tal-bniedem [19]. Stadju importanti mill-perspettiva tad-determinazzjoni futura tal-għanijiet ambjentali tikkonċerna l-identifikazzjoni tal-pressjonijiet antropoġeniċi li jistgħu jkunu suġġetti għalihom il-korpi tal-ilma [20], kif ukoll l-evalwazzjoni tal-probabbiltà li l-massi tal-ilma ma jkunux konformi mal-għanijiet tal-kwalità ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma [21].

46. B'mod parallel, l-Istati Membri għandhom, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar l-ilma, jistabbilixxu sistema ta' sorveljanza meħtieġa [22], li tikkostitwixxi, bħala obbligu kontinwu, l-għodda prinċipali għad-determinazzjoni tal-istat ta' kull korp tal-ilma [23]. L-imsemmija sistema għandha tkun imfassla b'mod li tipprovdi stampa tal-istat ekoloġiku u kimiku kollu ta' kull distrett [24]. Għaldaqstant, dwar dan il-punt, jiena tal-istess fehma bħall-Gvern Ġermaniż li jispeċifika li l-obbligu li tiġi analizzata t-tendenza u li tinbidel it-tendenza tapplika qabel il-projbizzjoni tad-deterjorament.

47. L-istat ekoloġiku ta' korp tal-ilma tal-wiċċ jirriżulta mill-evalwazzjoni tal-istruttura u tal-funzjonament tal-ekosistemi akwatiċi assoċjati mal-massa tal-ilma. Dan huwa ddeterminat permezz ta' mekkaniżmu ta' natura xjentifika bbażat fuq fatturi ta' kwalità, jiġifieri, bijoloġiċi (speċi ta' pjanti u ta' annimali), idromorfoloġiċi u fiżjo-kimiċi, l-imsemmija fatturi jiġu evalwati skont indikaturi (pereżempju l-preżenza ta' invertebrati jew ta' ħut fi xmara). Għal kull tip ta' korp tal-ilma, l-istat ekoloġiku huwa rifless fis-sistema ta' klassijiet prevista fl-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma, li ser nindirizza fid-dettall fil-kuntest tal-analiżi tat-tieni u tat-tielet domandi.

48. Wara li jistabbilixxu l-klassijiet skont l-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandu jintlaħaq l-istat tajjeb jew, minn tal-inqas, il-potenzjal ekoloġiku tajjeb, kif ukoll jipprekludu d-deterjorament, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma, għall-korpi tal-ilma kkonċernati.

19 — L-ispeċifikazzjonijiet li jinsabu fl-Anness II tad-Direttiva dwar l-ilma jagħtu l-possibbiltà li tiġi stabbilita l-ewwel klassifikazzjoni tal-korpi tal-ilma kollha kkonċernati, li jitqassmu f'kategoriji (xmajjar, lagi, ilmijiet temporanji, ilmijiet tal-kosta, korpi tal-ilma tal-wiċċ artifiċjali jew modifikati ħafna), wara f'tipi (A/B). Barra minn hekk, analiżi ekonomika hija wkoll meħtieġa skont l-Anness III.

20 — Ara Anness II tad-Direttiva dwar l-ilma.

21 — Għal dawn it-tipi ta' korpi, id-Direttiva dwar l-ilma tippreskrivi analiżi f'iktar dettall sabiex tottimizza l-ħolqien ta' programmi ta' sorveljanza fis-sens tal-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-ilma u ta' programmi ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar l-ilma. Ara Anness II, punt 1.5., *in fine*, tad-Direttiva dwar l-ilma.

22 — Ara Artikolu 8, flimkien mal-punti 1.3 u 1.4. tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma.

23 — Għal deskrizzjoni fid-dettall tat-tipi ta' sorveljanza, ara WISE Guidance Document, Nota Nru 6, http://ec.europa.eu/environment/water/participation/pdf/waternotes/WATER%20INFO%20NOTES%206%20-%20FR.pdf

24 — Ir-riżultati tal-kontrolli ta' sorveljanza jservu, b'mod partikolari, fir-rigward tal-punt 1.3.1. tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma, sabiex jiddeterminaw il-bżonnijiet fil-programmi ta' sorveljanza fil-pjan ta' ġestjoni tad-distrett attwali u dak ta' pjanijiet futuri.

49. Għal dan il-għan, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar l-ilma, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-*programmi ta' miżuri*, elaborati għal kull distrett idrografiku jew għal parti tal-imsemmi distrett. Il-programm huwa għodda li tagħti l-possibbiltà li jiġu indirizzati l-pressjonijiet osservati, u għalhekk li tippermetti li jintlaħaq stat tajjeb tal-ilmijiet fil-baċini tax-xmara jew tal-korpi tal-ilma [25]. Dawn il-programmi ta' miżuri jistgħu jirreferu għal miżuri li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni adottata fuq livell nazzjonali u li tkopri t-territorju kollu ta' Stat Membru [26]. L-imsemmija programmi jinkludu wkoll "miżuri bażiċi", bħala eżiġenzi minimi li għandhom jiġu osservati u, jekk neċessarju, "miżuri komplementari" [27]. Fost il-miżuri bażiċi hemm il-miżuri adottati skont id-direttivi partikolari fis-sens tal-Artikolu 11(3)(a) tad-Direttiva dwar l-ilma [28], kif ukoll miżuri li hemm riferiment għalihom fl-imsemmi Artikolu 11(3)(i), fil-każ ta' effett negattiv sostanzjali fuq l-istat tal-ilmijiet, intiżi b'mod li l-kundizzjonijiet idromorfoloġi tal-korpi tal-ilma jippermettu li jinkiseb l-istat ekoloġiku meħtieġ.

50. Fil-fatt, għal kull effett negattiv, il-kontrolli jistgħu jieħdu l-forma ta' *eżiġenza ta' awtorizzazzjoni preliminari jew ta' reġistrazzjoni*, li jidhirli li hija primordjali mill-perspettiva tal-portata tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma. Kif jirriżulta mill-Artikolu 11(3)(ċ) tagħha, fost il-miżuri bażiċi hemm miżuri li jippromwovu użu tal-ilma b'mod li jevitaw li jikkompromettu t-twettiq tal-għanijiet fis-sens tal-imsemmi Artikolu 4. Fost il-miżuri komplementari hemm ukoll dawk intiżi għat-twettiq ta' għanijiet ambjentali, kif jistabbilixxi l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar l-ilma.

51. L-elaborazzjoni ta' programmi ta' miżuri mill-Istati Membri ssir f'diversi stadji. Għalhekk, l-imsemmija Stati huma marbuta jidentifikaw il-pressjonijiet u l-effetti [29] b'mod li jiddefinixxu l-problemi prinċipali tad-distrett tal-baċin tax-xmara kkonċernat. Skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva dwar l-ilma, l-Istati Membri għandhom ukoll jiddeterminaw, b'mod speċifiku, il-każijiet li fihom l-għanijiet ta' kwalità ambjentali għandhom riskju li ma jintlaħqux. F'dan il-kuntest, huma għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-korpi modifikati ħafna u n-neċessità u l-probabbiltà ta' applikazzjoni tad-derogi fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma. L-ewwel viżjoni ta' programm ta' miżuri huwa suġġett għal analiżi ekonomika, b'mod konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva dwar l-ilma, li permezz tagħha l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ispejjeż u t-termini tat-twettiq tagħhom. Il-pjanijiet ta' miżuri adattati minn perspettiva ekonomika huma sussegwentement suġġetti għall-obbligu ta' informazzjoni u ta' konsulta tal-pubbliku skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-ilma.

52. Sussegwentement, il-programmi ta' miżuri huma inkorporati fil-*pjanijiet ta' ġestjoni* fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-ilma. Il-pjanijiet ta' ġestjoni jinkludu l-elementi previsti fl-Anness VII tagħha. Id-Direttiva dwar l-ilma tipprevedi eżami mill-ġdid u aġġornament regolari tal-programmi ta' miżuri u ta' pjanijiet ta' ġestjoni [30]. Il-pjan ta' ġestjoni huwa kemm *dokument deskrittiv* tal-istat tad-distrett idrografiku kif ukoll *pjan ta' azzjoni* li jirreferi għal miżuri ġodda intiżi għal miżuri ġodda bl-oġġettiv li jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva dwar l-ilma. Abbażi tal-istima tal-effetti kollha eżistenti u tal-perspettivi ta' evoluzzjoni, Stat Membru għandu jiddetermina l-*miżuri neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali* stabbiliti skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma.

25 — Ara rapport tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma, COM(2012) 670 finali, p. 4.

26 — Għalhekk, id-duttrina tirrileva li minkejja li l-programmi ta' miżuri jkunu stabbiliti għal distrett ta' baċin tax-xmara partikolari, il-kontenut tagħhom huwa ġeneralment implementat permezz ta' miżuri leġiżlattivi applikabbli fit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni, u mhux bid-deċiżjonijiet adottati fuq livell biss tad-distrett ta' baċir tax-xmara kkonċernat. Ara Hollo, E., Vertaileva Vesioikeus, p. 119, [Dritt komparattiv tal-ilmijiet], Suomen Ympäristöoikeustieteen Seura ry, Helsinki 2003.

27 — Iddefiniti fl-Anness VI, Parti B, tad-Direttiva dwar l-ilma.

28 — Ara l-lista li tinsab fl-Anness VI, Parti A, tad-Direttiva dwar l-ilma.

29 — Fis-sens tal-Anness II, punti 1.4. u 1.5 tad-Direttiva dwar l-ilma.

30 — Il-pjanijiet ta' ġestjoni (Artikolu 13(6) u (7)) u l-programmi ta' miżuri (Artikolu 11(7)) għandhom l-istess termini: jiġifieri, stabbiliti mhux iktar tard mit-22 ta' Diċembru 2009, eżaminati mill-ġdid qabel it-22 ta' Diċembru 2015, u sussegwentement kull sitt snin. Il-miżuri fihom infushom għandhom jidħlu fis-seħħ fit-22 ta' Diċembru 2012.

Dan jirriżulta b'mod ċar mill-punti 5 u 7 tal-Anness VII ta' din tal-aħħar, li tippreċiża li pjan ta' ġestjoni jinkludi lista ta' għanijiet ambjentali kif ukoll sunt tal-programmi ta' miżuri li jinkludu l-mod kif għandhom jintlaħqu l-imsemmija għanijiet. Fi tmiem dan il-proċess laborjuż, l-Istati Membri għandhom jimplementaw il-miżuri previsti.

53. Fil-każ ineżami, mill-proċess tal-kawża prinċipali jirriżulta li pjan ta' ġestjoni li jkopri programm ta' miżuri ġie adottat għad-distrett idrografiku tal-Weser [31]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex tintalab tiddetermina l-effetti tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-ilma għal korp tal-ilma li fir-rigward tiegħu l-miżuri ta' evalwazzjoni u ta' pjanifikazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma ma kinux ġew adottati.

3. Konklużjoni dwar in-natura vinkolanti tal-projbizzjoni ta' deterjorament imsemmija fl-Artikolu 4(1)(i)(a) tad-Direttiva dwar l-ilma

54. Fid-dawl tal-analiżi preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, minkejja li d-Direttiva dwar l-ilma ma twettaqx armonizzazzjoni kompleta, hija lanqas ma tillimita ruħha għal sempliċi approċċ "programmatiku", li jħalli lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-għażla tal-politiki u tal-miżuri li għandhom jiġu adottati jew proposti [32].

55. Huwa minnu li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jilħqu l-għanijiet ambjentali tagħhom skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-karatteristiċi tal-korpi tal-ilma identifikati fit-territorju tagħhom. Madankollu, kull stadju tal-ġestjoni tal-ilma huwa rregolat fid-dettall u jestendi sal-istabbiliment tal-kriterji xjentifiċi, permezz tal-eżerċizzju msejjaħ ta' "interkalibrar" [33].

56. Fil-fehma tiegħi, dan jeskludi t-teżi li l-portata ta' att daqstant kumpless u ambizzjuż tista' tiġi ristretta għal sempliċi invokazzjoni tal-prinċipji mhux vinkolanti. Fil-fatt, mill-kliem tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma jirriżulta b'mod ċar li dan tal-aħħar huwa intiż sabiex l-għanijiet ambjentali jestendu l-effetti tagħhom fl-eżekuzzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni, li għandhom jeżistu għal kull korp tal-ilma. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni skont il-leġiżlazzjoni ġenerali tidher li tikkostitwixxi eżempju ta' implementazzjoni ta' programm ta' miżuri skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva dwar l-ilma.

57. Barra minn hekk, kif diġà sostnejt preċedentement, id-determinazzjoni tal-għanijiet ambjentali fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma ssir fil-verità fi stadju avvanzat ħafna ta' proċess ta' identifikazzjoni tal-istat tal-korpi tal-ilma li għandu jsir mill-Istati Membri. Madankollu, l-effetti vinkolanti tagħhom ma humiex limitati għal din il-fażi. Fil-fatt, it-twettiq tal-għanijiet ambjentali japplika biss fir-rigward ta' stat partikolari tal-korpi tal-ilma, u dan jeskludi l-ipoteżi li l-Artikolu 4 jistabbilixxi sempliċi għan mhux vinkolanti. Għalhekk, id-determinazzjoni tal-għanijiet ambjentali għandha *sservi* sabiex tiggarantixxi stat tajjeb tal-ilmijiet u sabiex tevita kull deterjorament.

58. Konsegwentement, minkejja li l-istruttura tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma ma tippermettix analiżi faċli tad-dispożizzjonijiet tagħha [34], l-unika interpretazzjoni li hija konformi kemm mal-kliem kif ukoll mal-finalità tagħha hija dik li permezz tagħha l-imsemmi artikolu jistabbilixxi fir-rigward tal-Istati Membri obbligu vinkolanti li jeżiġi li dawn jadottaw il-miżuri kollha li jistgħu jipprekludu

31 — Ara pjan ta' ġestjoni għall-2009 aċċessibbli fis-sit http://www.fgg-weser.de/Download-Dateien/bwp2009_weser_091222.pdf

32 — Ara, *a contrario*, is-sentenza Stichting Natuur en Milieu *et* (EU:C:2011:348) li tirrigwarda d-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2001, dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 320).

33 — Stabbilit fil-punt 1.4.1 (iv) sa (ix) tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma. Għall-analiżi ta' dan il-kunċett, ara l-punt 96 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 — Ara dokument ta' spjega tal-Kummissjoni: Common Implementation Strategy for the Water Framework Directive, Guidance Document on Exemptions to the Environmental Objectives, Dokument Nru 20.

d-degradazzjoni supplimentari tal-korpi tal-ilma, u li fir-rigward tagħhom, bħal fil-każ ta' Weser, pjan ta' ġestjoni bi programm ta' miżuri huwa stabbilit, kif ukoll li jippruvaw diġà metodi sabiex jipproteġu, jistabbilixxu mill-ġdid u jtejbu l-korpi tal-ilma sabiex fl-aħħar jaslu għall-istat tajjeb tagħhom.

59. Il-projbizzjoni tad-deterjorament tikkostitwixxi, fil-fatt, kemm projbizzjoni kif ukoll regola ta' inċentiv li hija intiża għall-kisba ta' riżultati preskritti mid-Direttiva dwar l-ilma fl-intier tagħha. Għalhekk, l-Istati Membri huma marbuta mhux biss li jipprekludu kull deterjorament, iżda wkoll li jimplementaw din il-projbizzjoni b'mod effikaċi. L-implementazzjoni effettiva tal-għan "li jiġi evitat kull deterjorament", li konkretament timplika l-obbligu ġenerali ta' protezzjoni previst fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar l-ilma, hija biss possibbli permezz tal-adozzjoni ta' miżuri konkreti intiżi li jiġu evitati deterjoramenti kif ukoll xkiel li jista' jkollu effetti sinjifikattivi fir-rigward tal-għanijiet ta' din id-direttiva [35].

4. Il-ġustifikazzjonijiet vinkolanti tal-għan stabbilit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva dwar l-ilma intiżi li jipprekludu kull degradazzjoni supplimentari

a) Fuq it-tagħlim li għandu jinsilet mill-ħidma leġiżlattiva tad-Direttiva dwar l-ilma

60. L-interpretazzjoni proposta hija kkonfermata mill-oriġini tad-Direttiva dwar l-ilma, li ġiet imfassla, skont l-espożizzjoni tal-motivi tal-proġett inizjali tagħha, "sabiex tipprekludi kull degradazzjoni supplementari, sabiex tipproteġi u sabiex issaħħaħ, minn perspettiva kwalitattiva u kwantitattiva, l-ekosistemi akwatiċi, kif ukoll l-ekosistemi terrestri fir-rigward tal-bżonnijiet tagħhom fl-ilma". Barra minn hekk, "id-Direttiva tal-ilma tikkonferma u tifformalizza wkoll l-approċċ imsejjaħ 'ikkombinat', li jorbot it-tnaqqis tat-tniġġis mis-sors mal-istabbiliment ta' għanijiet ambjentali" [36]. L-importanza tad-determinazzjoni tal-għanijiet ambjentali hija kkonfermata min-numru u mill-portata tal-emendi leġiżlattivi li kkontribwixxew sostanzjalment għall-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma f'kull stadju tal-ħidma leġiżlattiva [37].

61. B'mod partikolari, il-ħidma preparatorja turi b'mod ċar li, fil-verżjoni inizjali, id-Direttiva dwar l-ilma ma kinitx tobbliga lill-Istati Membri jilħqu effettivament l-għanijiet stabbiliti fir-rigward tal-istat tal-ilmijiet. Ġie enfasizzat li l-obbligu li ġie impost kien pjuttost dak li jiġi osservat li jiġu elaborati pjanijiet li jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti. Għaldaqstant, huma kellhom pjuttost jindirizzaw il-pjanijiet ta' azzjoni iktar milli jilħqu r-riżultati. Il-Parlament Ewropew ippropona wkoll modifiki li għandhom bħala għan "li jikkonferixxi struttura solida fil-proċess tal-pjanifikazzjoni u li josserva li jkun hemm il-possibbiltà li tintalab kontabbilità mill-awtorità inkarigata mill-ġestjoni tad-distrett idrografiku jekk hija ma telaborax il-pjanijiet meħtieġa" [38].

35 — Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma tintroduċi sistema ta' gradar tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu peress li, skont il-leġiżlatur, huwa prevedibbli li l-istess korp tal-ilma jiġi suġġett għal għanijiet differenti, u konsegwentement, għal miżuri differenti. Fil-fatt, mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar l-ilma jirriżulta li fil-każ li diversi għanijiet tad-Direttiva dwar l-ilma jikkonċernaw korp tal-ilma partikolari, huwa dak l-iktar strett li huwa applikabbli.

36 — Proposta għal direttiva tal-Kunsill, COM(97) 49 finali, punt 1.

37 — Ara, pereżempju, proposta inizjali tal-Kummissjoni, COM(97) 49 finali; proposta ta' modifika, COM(1999) 271 finali, p. 16 sa 22; pożizzjoni komuni tal-Kunsill Nru 41/1999, imsemmija iktar 'il fuq, kif ukoll proġett komuni approvat mill-kumitat ta' konċiljazzjoni, previst fl-Artikolu 251(4) tat-Trattat KE, PE-CONS 3639/00, ENV 221, CODEC 513.

38 — Ara modifika Nru 42 u l-punt 3.1 tar-rapport tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 1998, dwar il-proposta u l-proposti emendati tad-Direttiva tal-Kunsill li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (COM(97)0049 – C4-0192/97, COM(97)0614 – C4-0120/98 u COM(98)0076 – C4-0121/98 – 97/0067(SYN)), dokument A4-0261/98.

62. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-obbligu li jiġi prekluż id-deterjorament tal-ilmijiet tal-wiċċ, il-ħidma preparatorja uriet li, fl-ewwel verżjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni setgħu jfissru li ladarba tiġi adottata d-Direttiva dwar l-ilma, il-korpi tal-ilma kklassifikati f'kategorija ogħla mill-kategorija "stat tajjeb" setgħu jiddegradaw sal-punt li jaqgħu fil-kategorija "stat tajjeb". Konsegwentement, il-Parlament ippropona modifika li tippermetti li ssir distinzjoni bejn l-obbligu li jintlaħaq "stat tajjeb" u dak li jiġi prekluż kull deterjorament billi jiġi introdott inċiż ġdid fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-ilma li jistabbilixxi b'mod distint dan l-aħħar obbligu [39].

63. Barra minn hekk, ir-rieda li jiġu kkonkretizzati l-għanijiet ambjentali fil-livell ta' miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri tirriżulta, b'mod partikolari, minn paragun tal-verżjonijiet suċċessivi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma: proposta inizjali [40] ("L-Istati Membri għandhom jelaboraw u jdaħħlu fis-seħħ [...] il-programmi ta' miżuri sabiex jipprekludu d-deterjorament [...]"), pożizzjoni komuni ("L-Istati Membri *għandhom iwettqu* l-għanijiet segwenti [...]" [41]), opinjoni konsekuttiva tal-Kummissjoni ("L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *l-programmi ta' miżuri* speċifikati fil-pjanijiet ta' ġestjoni ta' distrett ta' baċin tax-xmara jkunu daħlu fis-seħħLes [...]" [42]) u l-verżjoni adottata finalment ("[*Billi jdaħħlu fis-seħħ] [...] programmi ta' miżuri speċifikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara* [...]").

64. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li fl-istadju tal-approvazzjoni tal-proġett komuni, il-Parlament laqa' favorevolment it-tisħiħ tat-test tal-pożizzjoni komuni sabiex jikkjarifika l-għanijiet ambjentali u sabiex irendihom iktar vinkolanti [43].

b) In-natura transversali u operazzjonali tad-deterjorament, b'mod partikolari, meta mqabbel mal-portata tal-obbligu ta' titjib

65. Bħall-qorti tar-rinviju, sostnuta mill-BUND, nikkunsidra li l-projbizzjoni tad-deterjorament prevista fl-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma, moqri flimkien mal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva dwar l-ilma, għandha titqies li huwa regola ta' applikazzjoni ġenerali. Kif ippreċiżat il-Qorti tal-Ġustizzja [44], l-applikabbiltà tiegħu tiddependi mill-adozzjoni ta' pjan ta' ġestjoni għall-korp tal-ilma kkonċernat.

66. Għalhekk, l-ewwel nett, il-kontenut tal-ħidma leġiżlattiva msemmi iktar 'il fuq juri li l-projbizzjoni ta' deterjorament ġiet maħsuba b'mod awtonomu, sabiex tippreżerva l-istat tal-korpi tal-ilma meta dan ikun inqas "tajjeb".

39 — Ara l-punt 3.2.1 tar-rapport iċċitat tal-Parlament Ewropew, imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

40 — COM(97) 49 finali.

41 — Artikolu 4 fil-verżjoni li tirriżulta mill-pożizzjoni komuni (KE) Nru 41/1999, tat-22 ta' Ottubru 1999, adottata mill-Kunsill, skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU C 343, p. 1).

42 — Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma fil-verżjoni tal-opinjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 251(2)(c) tat-Trattat KE, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar proposta ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (COM(97) 49 finali, COM(97) 614 finali, COM(98) 76 finali u COM(99) 271 finali), li temenda l-proposta tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE, [COM(2000) 219 finali – COD 97/0067].

43 — Rapport dwar il-proġett komuni, approvat mill-kumitat ta' konċiljazzjoni, tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma [C5-0347/2000 — 1997/0067(COD)] (dokument Nru A5-0214/2000, li jipprovdi li "l-kompromess miksub fir-rigward tal-għanijiet u tan-natura vinkolanti tagħhom jissodisfa kważi kompletament il-prinċipji stabbiliti fl-emendi adottati mill-Parlament fit-tieni qari. L-obbligi differenti huma issa fformulati b'mod obbligatorju ('L-Istati Membri [...] jipproteġu [...] jeliminaw [...] eċċ.'). Id-delegazzjoni tal-Parlament opponiet b'suċċess ir-rieda tal-Kunsill li tibdel l-obbligi billi żżid f'punti differenti l-kliem 'meta dan jista' jintlaħaq'".

44 — Madankollu, skont il-ġurisprudenza Inter-Environnement Wallonie (sentenza C-129/96, EU:C:1997:628, punt 45), il-projbizzjoni tad-deterjorazzjoni hija meħtieġa anki matul il-perijodu ta' tranżizzjoni qabel l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni. Ara sentenza Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (C-43/10, EU:C:2012:560, punti 57 sa 58).

67. It-tieni nett, in-natura transversali tal-projbizzjoni tad-deterjorament tirriżulta mill-paragun mal-obbligu ta' titjib imsemmi fl-Artikolu 4(1)(a)(ii) tad-Direttiva dwar l-ilma. Infakkar li, skont il-premessa 19, id-Direttiva dwar l-ilma hija intiża għaż-żamma u għat-titjib tal-ambjent akwatiku tal-Unjoni. Fil-fehma tiegħi, l-obbligu ta' titjib madankollu ngħata mil-leġiżlatur status partikolari u ma huwiex limitat, *a contrario* ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, għal rapport ta' ssuġġettar li permezz tiegħu l-projbizzjoni tkun strument ta' obbligu ta' titjib.

68. Għaldaqstant, mill-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar l-ilma li jippreżenta s-suġġett tiegħu, it-titjib huwa inqas importanti mir-responsabbiltà primordjali tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni ta' kull deterjorament. Bl-istess mod, l-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma huwa intiż, qabelxejn, għall-implementazzjoni ta' miżuri neċessarji sabiex jiġi prekluż id-deterjorament u, wara, l-istess artikolu fil-punt (ii) jipprevedi l-protezzjoni u t-titjib tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ. Barra minn hekk, l-obbligu ta' titjib jinkludi kemm pjanifikazzjoni ta' twettiq kif ukoll possibbiltajiet ta' proroga, skont l-Artikolu 4(5) u 6 tad-Direttiva dwar l-ilma. Min-naħa l-oħra, l-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma ma huwa suġġett għal ebda terminu, li jagħti l-possibbiltà li jiġi konkluż li kull deterjorament huwa immedjat u ġenerali.

69. Fid-dawl tal-għan ġenerali tad-Direttiva dwar l-ilma, li huwa intiż għall-istat tajjeb tal-ilmijiet fl-2015, għandha tiġi interpretata l-portata tal-obbligu ta' tiġdid fir-rigward ta' korp tal-ilma individwali u permezz ta' effetti ta' miżuri li għandhom jiġu adottati. Konsegwentement, il-punt ta' tluq għandu jkun l-istat attwali tal-korp tal-ilma kkonċernat. Meta proġett individwali jew il-miżuri ta' pjanifikazzjoni jkunu "newtrali", sa fejn la jwasslu għal titjib u lanqas għal deterjorament ta' korp tal-ilma, tali approċċ, fil-fehma tiegħi, ikun awtorizzat mil-leġiżlatur jekk l-istat attwali tal-korp tal-ilma inkwistjoni jkun inqas "tajjeb". *A contrario*, l-obbligu ta' titjib jestendi b'mod sħiħ l-effetti tiegħu jekk l-istat attwali tal-korp tal-ilma kkonċernat ikun inqas "tajjeb".

*70. A contrario*, il-projbizzjoni ta' deterjorament tibqa' vinkolanti f'kull stadju tal-implementazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma għal kull tip u stat ta' korp tal-ilma tal-wiċċ.

71. Bl-istess mod, l-espressjoni "[billi jdaħħlu fis-seħħ]" il-programmi ta' miżuri, li jinsabu fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-ilma, tindika b'mod ċar li l-leġiżlatur ma llimitax ruħu li jipprevedi obbligu li jiġu adottati pjanijiet fuq skala kbira, iżda li kellu l-intenzjoni jimponi obbligu li jistabbilixxi *rabta* bejn is-sitwazzjoni ta' korpi tal-ilma partikolari, li jaqgħu f'baċin tax-xmara u f'distrett ta' baċin tax-xmara, u t-twettiq ta' għanijiet iddefiniti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma, b'osservanza tal-għan tad-Direttiva tal-ilma kif iddefinit fl-Artikolu 1 tagħha.

72. Jidhirli li s-sentenza Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (EU:C:2012:560) hija informattiva f'dan ir-rigward. F'din il-kawża, il-kwistjoni kienet l-evalwazzjoni ta' proġett ta' trasferiment ta' ilma tal-baċin tax-xmara jew ta' distrett ta' baċin tax-xmara lejn ieħor, minkejja li l-pjanijiet ta' ġestjoni kienu għadhom ma ġewx elaborati. F'tali każ, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet b'mod ċar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma, u għalhekk ta' deroga skont l-Artikolu 4(7) tal-istess direttiva[45]. *A contrario*, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-obbligu ta' astensjoni fir-rigward ta' kull miżura li tista' tikkomprometti t-twettiq tar-riżultati preskritti mid-Direttiva dwar l-ilma, li huwa applikabbli kemm matul il-perijodu ta' traspożizzjoni kif ukoll matul perijodu tranżitorju[46]. Fil-fehma tiegħi, dan jipprova l-importanza li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lit-twettiq tal-għanijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma u lill-preżervazzjoni tan-natura vinkolanti tagħhom. Għalhekk, huwa inkonċepibbli li l-eżiġenzi iktar rigorużi jkunu applikabbli qabel l-iskadenza tat-terminu tat-traspożizzjoni pjuttost milli qabel.

45 — Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu enfasizzat ir-rabta bejn il-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti li l-Istati Membri għandhom jadottaw skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-ilma u l-eżistenza preċedenti ta' pjan ta' ġestjoni għad-distrett ikkonċernat, ara sentenza Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (EU:C:2012:560, punti 49 sa 62).

46 — Sentenza Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (EU:C:2012:560, punti 57 u 58).

73. Fl-aħħar nett, mingħajr ma ddeċidiet direttament dwar in-natura tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ppreċiżat fil-ġurisprudenza tagħha li d-Direttiva tal-ilma "fiha dispożizzjonijiet ta' natura varjata li jimponu obbligi fuq l-Istati membri (ara, bħala eżempju, l-Artikolu 4, li jobbliga lill-Istati membri jimplementaw il-miżuri kollha neċessarji sabiex jipprevjenu d-deterjorament ta' l-istat tal-korpi ta' ilma tal-wiċċ u ilma ta' taħt l-art)". Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li "[l]-Artikolu 2 tad-Direttiva, moqri flimkien ma', per eżempju, l-Artikolu 4 tagħha, jimponi fuq l-Istati membri obbligi preċiżi li għandhom jitwettqu matul termini ddeterminati sabiex jipprevjenu d-deterjorament tal-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art" [47].

74. Għaldaqstant, l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva dwar l-ilma ġie interpretat bħala dispożizzjoni li timponi lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji għat-twettiq tal-għanijiet stabbiliti hemmhekk [48], jiġifieri li jipprekludu d-deterjorament tal-istat tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u li jaslu għal stat tajjeb tal-imsemmija ilmijiet sa mhux iktar tard minn tmiem 2015 [49].

75. Din l-informazzjoni kollha fl-intier tagħha tiċħad b'mod ċar it-teżi tal-Gvern Ġermaniż li l-prevenzjoni tad-deterjorament ma hijiex l-espressjoni tal-projbizzjoni ta' deterjorament u li tali prevenzjoni ma tikkostitwixxix għan remot u mhux vinkolanti tad-Direttiva dwar l-ilma.

c) Dwar l-importanza tad-deroga prevista fl-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar l-ilma

76. Skont il-premessa 32 tad-Direttiva dwar l-ilma, "[j]ista' jkun hemm raġunijiet għal *eżenzjonijiet mill-ħtiġiet biex tiġi prevenuta aktar deterjorazzjoni* jew sabiex jinkiseb stat tajjeb [...] ta' l-ilma". Is-sistema ta' derogi prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma tinkludi għalhekk diversi kategoriji [50]. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva tal-ilma, il-fatt li d-deterjorament tal-istat ta' korp tal-ilma tal-wiċċ ma jiġix prekluż meta l-imsemmi deterjorament jirriżulta minn modifiki ġodda tal-karatteristiċi ġodda ta' tali korp tal-ilma [51] ma jitqiesx li huwa ksur tad-Direttiva dwar l-ilma. Madankollu, din id-deroga tapplika biss bil-kundizzjoni li l-miżuri kollha vijabbli jkunu ttieħdu sabiex jitnaqqas l-effett negattiv fuq l-istat tal-korp tal-ilma u jiġu konsegwentement adattati l-programmi ta' miżuri u l-pjanijiet ta' ġestjoni. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi nnotat li, skont il-premessa 51 tagħha, l-implementazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma għandha tippermetti livell ta' protezzjoni tal-ilmijiet li huwa daqs il-minimu ta' dak żgurat għal ċerti atti preċedenti tad-dritt tal-Unjoni.

77. L-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar l-ilma huwa essenzjali għall-interpretazzjoni tal-portata tal-*għanijiet ambjentali*, fis-sens tal-paragrafu 1 tiegħu, prinċipalment għal żewġ raġunijiet. Minn naħa, l-imsemmija deroga tikkonferma l-applikabbiltà tar-rekwiżit li tiġi prekluża kull degradazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' proġetti partikolari li jistgħu jimplikaw deterjorament tal-istat ta' korp tal-ilma. Min-naħa l-oħra, il-kliem tiegħu jikkonferma konfutabbilment in-natura vinkolanti tal-għan intiż li jipprekludi d-deterjorament. Għaldaqstant, l-Istat Membru huwa marbut jirrifjuta l-awtorizzazzjoni ta' proġett meta dan tal-aħħar jikkomprometti l-kisba ta' stat tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ, sakemm ma jiġix ikkunsidrat li l-imsemmi proġett huwa deroga.

47 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (EU:C:2006:749, punti 42 u 63).

48 — Ara, punt 53 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-32/05, EU:C:2006:334, punt 53).

49 — Ara l-punt 59 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (EU:C:2011:651).

50 — Bl-eċċezzjoni ta' żoni protetti fis-sens tal-Artikolu 1(1)(c) tad-Direttiva dwar l-ilma, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għanijiet ambjentali ta' kwalità inqas stretta għal korpi tal-ilma speċifiċi, kif jipprovdi l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva tal-ilma, meta l-korpi tal-ilma "jkunu tant affetwati minn attività umana" jew "il-kundizzjoni naturali tagħhom hija tant li l-kisba ta' dawn l-għanijiet jistgħu ikunu għolja disproporzjonalment". Skont l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva dwar l-ilma, id-deterjorazzjoni temporanja fl-istat ta' korpi tal-ilma ma tiksirx id-Direttiva dwar l-ilma jekk din tirriżulta minn ċirkustanzi ta' kawżi naturali jew forza maġġuri. Fl-aħħar nett, għajr għal dak li jikkonċerna l-ilmijiet protetti, filwaqt li skont id-Direttiva dwar l-ilma l-istat tajjeb tal-korpi tal-ilmijiet għandu fil-prinċipju jintlaħaq fl-2015, jista' jkun hemm prorogi skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva dwar l-ilma.

51 — Din id-deroga tapplika wkoll fil-każ ta' tibdil fil-livell tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art.

78. Fil-fatt, kif fakkret l-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (C-43/10, EU:C:2011:651), l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma ma jinkludix biss obbligi ta' prinċipju iżda jikkonċerna wkoll proġetti konkreti, minn tal-inqas meta dawn jaffettwaw b'mod tanġibbli l-istat ta' korp tal-ilma[52]. Fil-fatt, l-Artikolu 4(7) jawtorizza d-deterjorament tal-istat tal-ilmijiet minħabba modifiki ġodda. Dan jista' jirriżulta minn proġetti individwali. Fil-fatt, huwa impossibbli li jiġi previst separatament proġett u l-implementazzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni, b'mod li kull awtorizzazzjoni ta' kostruzzjoni f'żona li għaliha hemm pjan ta' żvilupp tat-territorju tinħareġ skont dan il-pjan.

79. Konsegwentement, sakemm ma jkunx hemm inkwistjoni proġetti li ma għandhom kważi ebda effett fuq l-istat tal-korpi tal-ilma u għalhekk fuq il-ġestjoni ta' distrett ta' baċin tax-xmara, huma jaqgħu taħt il-projbizzjoni ġenerali ta' deterjorament tal-istat tal-korpi tal-ilma, filwaqt li jistgħu jiġu awtorizzati skont is-sistema ta' derogi prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma.

*80. A contrario*, l-interpretazzjoni proposta mill-Gvern Ġermaniż timplika ċ-ċaħda minn kull effett tad-Direttiva dwar l-ilma, peress li huwa possibbli li jiġu adottati pjanijiet ta' ġestjoni li huma purament teoretiċi u li la għandhom rabta u lanqas effett fuq il-miżuri individwali.

81. Kif jirriżulta mill-faxxikolu, l-istat ekoloġiku tal-Weser diġà jitqies li huwa kritiku. Il-BUND sostniet, mingħajr ma kienet kontradetta f'dan ir-rigward, li l-Weser ilha suġġetta għal diversi żviluppi għal snin twal. Fid-dawl tal-gravità u tan-numru ta' problemi dwar is-salinizzazzjoni bil-potassa u l-kontribut antropoġeniku ta' sustanzi nutrizzjonali, huwa ftit li xejn possibbli li fil-futur qarib, il-Weser ikollha stat tajjeb ekoloġiku jew potenzjal ekoloġiku tajjeb[53]. Din hija wkoll il-konklużjoni li tirriżulta b'mod ċar mill-pjan ta' ġestjoni attwali tal-2009 tal-Weser li l-għanijiet tad-Direttiva tal-ilma ma jistgħux jintlaħqu qabel is-sena 2015, li timplika rikors għal derogi u prorogi[54]. Il-Gvern Ġermaniż innifsu jammetti fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li l-proġett ta' żvilupp inkwistjoni huwa meħud inkunsiderazzjoni fil-programm ta' miżuri skont il-pjanifikazzjoni, li, fil-fehma tiegħi, jorbtuh mal-obbligi li għandhom l-Istati Membri skont id-Direttiva dwar l-ilma.

82. Konsegwentement, il-fatt li proġett bħal dak tal-iżvilupp tal-Weser jiġi suġġett għall-projbizzjoni ta' deterjorament skont l-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma jikkostitwixxi mhux biss sempliċi applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma, iżda wkoll il-miżura l-iktar xierqa sabiex jinżamm l-effett utli tad-Direttiva dwar l-ilma kif ifformulat fl-Artikolu 1 tagħha.

83. Huwa minnu li tali interpretazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma teżiġi li jiġi kkonstatat li l-parti l-kbira tal-proġetti suġġetti għal awtorizzazzjoni u li jistgħu jwasslu għal deterjorament jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' deroga skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar l-ilma minkejja li fil-prinċipju jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' deterjoramenti. Madankollu, jidhirli li tali approċċ huwa xieraq peress li jippermetti l-implementazzjoni ta' proġetti li jissodisfaw rekwiżiti oħra (b'mod partikolari ekonomiċi), filwaqt li josservaw l-għan u l-oġġettivi prinċipali tad-Direttiva dwar l-ilma li jagħtu l-possibbiltà li l-awtorizzazzjoni tinkludi kundizzjonijiet u limitazzjonijiet adatti.

52 — Ara l-punt 62 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (EU:C:2011:651).

53 — Il-BUND tirreferi għall-pjan ta' ġestjoni tal-Weser (http://www.fgg-weser.de/Download_Dateien/bwp2009_weser_091222.pdf) li minnu jirriżulta li fis-setturi kkonċernati tal-Weser ta' isfel, il-parti l-kbira tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ inkwistjoni għandhom biss potenzjal ekoloġiku moderat u ċerti partijiet tal-Weser, li wkoll huma affettwati bil-pjan ta' żvilupp, għandhom saħansitra potenzjal ekoloġiku ħażin.

54 — Ara pjan ta' ġestjoni ċċitat, Kapitolu 5, p. 6 *et seq*. Barra minn hekk, il-BUND ippreċiżat li l-Kummissjoni, tat bidu f'dan ir-rigward għal proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, bir-referenza Numru 2012/4081 (l-ittra ta' intimazzjoni tal-Kummissjoni hija tal-21 ta' Ġunju 2012), peress li l-pjan ta' ġestjoni kien insuffiċjenti f'dan ir-rigward.

5. Proposta għal risposta għall-ewwel u għar-raba' domandi preliminari

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkunsidra li l-projbizzjoni tad-deterjorament u l-obbligu ta' titjib previsti fl-Artikolu 4 huma applikabbli għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ta' proġetti individwali. Isegwi li f'dan l-istadju, għajr deroga mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli [55], l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni ta' proġett individwali li jista' jikkomprometti l-għan tal-imsemmija direttiva.

C – *Dwar il-kunċett ta' "deterjorazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma (it-tieni u t-tielet domanda)*

1. Osservazzjonijiet tal-partijiet

85. Permezz tat-tieni u tat-tielet domandi, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi f'liema kundizzjonijiet ikun hemm lok li jiġi konkluż li "deterjorazzjoni" tal-istat tal-korpi tal-ilma fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma. Nirrileva, inċidentalment, li fil-fehma tiegħi, l-istruttura proposta mill-qorti tar-rinviju bejn id-domandi magħmula hija inadatta, peress li huwa impossibbli li tingħata risposta għad-domanda dwar is-sistema ta' klassifikazzjoni, mingħajr ma ssir analiżi minn qabel tal-kunċett ta' "deterjorazzjoni" bħala tali.

86. Il-qorti tar-rinviju tesponi l-kunsiderazzjonijiet tal-awtorità li adottat id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. Minn dawn jirriżulta li, minkejja l-konstatazzjoni li l-iżvilupp tal-Weser iwassal għal modifiki negattivi tal-istat attwali tal-korpi tal-ilma, il-qorti tar-rinviju hija madankollu tal-fehma li tali deterjorament fi ħdan klassi ma jistax jitqies li huwa deterjorament tal-potenzjal ekoloġiku jew tal-istat ekoloġiku ta' korp tal-ilma. Għaldaqstant, l-imsemmija awtorità kkonkludiet li ma kienx hemm deterjorament fis-sens tal-Artikolu 27 tal-WHG, li jittrasponi l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-ilma [56]. *A contrario,* billi bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq il-kliem tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li l-kunċett ta' "deterjorazzjoni" ma jistax jitqies li huwa biss intiż għal bidliet fil-forma ta' klassifikazzjoni fi klassi inferjuri fis-sens tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma.

87. Fir-rigward tat-tieni domanda, skont il-BUND u l-Kummissjoni, id-"deterjorazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma ma tiddependix biss mill-modifiki tal-klassijiet tal-istat, peress li d-Direttiva dwar l-ilma tipprekludi *kull deterjorament rilevanti* fi ħdan l-istess klassi. F'dan ir-rigward, huma jsostnu li din id-dispożizzjoni tipprekludi b'mod ġenerali d-deterjoramenti tal-istat tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ [ara punt (i)] u tirreferi għall-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma biss fir-rigward tal-obbligu ta' tiġdid [ara punti (ii) u (iii)], u għalhekk għall-klassifikazzjoni prevista hemmhekk.

55 — F'dan ir-rigward, nikkunsidra li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss id-derogi previsti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-ilma, iżda wkoll il-leġiżlazzjoni kollha applikabbli fil-qasam tal-ilma li tista' tinterferixxi mad-direttiva qafas. Għal preżentazzjoni tad-direttivi kollha rilevanti fil-qasam, ara l-punt 43 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-525/12, EU:C:2014:449).

56 — L-Artikolu 27 tal-WHG, intitolat "Għanijiet ta' ġestjoni fir-rigward tal-ilmijiet tal-wiċċ", jipprevedi: "1) Sa fejn ma humiex ikklassifikati bħala artifiċjali jew modifikati ħafna skont l-Artikolu 28, l-ilmijiet tal-wiċċ huma operati b'mod li 1) jiġi evitat id-deterjorament tal-istat ekoloġiku tagħhom u tal-istat kimiku tagħhom. 2) L-ilmijiet tal-wiċċ li huma kklassifikati bħala artifiċjali jew modifikati ħafna skont l-Artikolu 28 huma operati b'mod 1) li jiġi evitat id-deterjorament tal-potenzjal ekoloġiku tagħhom u tal-istat kimiku tagħhom u 2) li jinżamm jew jinkiseb potenzjal ekoloġiku tajjeb u stat kimiku tajjeb".

88. Fir-rigward tat-tielet domanda, il-BUND issostni li d-"deterjorazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma tikkorrispondi għal kull influwenza li jkollha impatt negattiv fuq l-istat tal-ilmijiet u li tinsab taħt il-livell *de minimis* li jirriżulta mill-prinċipju ta' proporzjonalità, inkluż, fil-prinċipju, l-effetti negattivi nazzjonali u fuq perijodu qasir. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm "deterjorazzjoni" b'effett minn meta l-istat ta' wieħed mill-elementi ta' kwalità li jservi sabiex jiġi evalwat l-istat ekoloġiku tal-ilmijiet tal-wiċċ fis-sens tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma jiġi kklassifikat fi klassi inferjuri.

*89. A contrario*, il-Gvernijiet tal-Ġermanja, tal-Pajjiżi l-Baxxi, tal-Polonja u tar-Renju Unit huma tal-fehma li "deterjorazzjoni" tfisser biss il-bidliet li timplika żgradar, iddefinita skont l-Anness V tad-Direttiva tal-ilma. Il-Gvern tal-Ġermanja u essenzjalment il-Gvernijiet tal-Polonja u tar-Renju Unit jikkunsidraw li, minkejja l-fatt li l-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma ma jirreferix għall-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma, il-klassifikazzjoni prevista hija indirettament applikabbli. Barra minn hekk, minkejja l-proposta tar-risposta għat-tielet domanda, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jipproponi interpretazzjoni ta' "deterjorazzjoni" skont l-elementi differenti ta' kwalità jew ta' sustanzi, pjuttost milli skont il-livell tal-istat ekoloġiku globali. Fl-aħħar nett, waqt is-seduta, il-Gvern ta' Franza ppropona teżi li tgħid li l-kunċett ta' deterjorazzjoni jikkorrispondi biss għal żgradar globali tal-istat ekoloġiku, skont il-kriterji tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma.

2. Dwar il-mekkaniżmu tal-klassifikazzjoni tal-istat ekoloġiku tal-korpi tal-ilma [57] stabbilit mid-Direttiva dwar l-ilma

90. Preliminarjament, nirrileva li kemm id-dubji tal-qorti tar-rinviju kif ukoll id-diverġenzi bejn il-partijiet joriġinaw minn dibattitu duttrinali bejn it-teorija li tipprovdi li l-kunċett ta' degradazzjoni jikkorrispondi għal żgradar fis-sens tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma (*teorija msejħa "tal-klassijiet"*) u t-teorija li tipprovdi li l-kunċett ta' degradazzjoni jikkorrispondi għal kull modifika tal-istat tal-korpi tal-ilma (*teorija msejħa "tal-istatu quo"*). Għaldaqstant, dawn it-teoriji jippreżentaw żewġ pożizzjonijiet estremi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' deterjorazzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma. Sabiex jiġi indirizzat l-imsemmi kunċett, jidhirli li huwa indispensabbli li dan il-kuntest jiġi kkompletat bi studju f'iktar dettall tal-aspetti tekniċi li jirriżultaw mid-Direttiva dwar l-ilma [58].

91. Kif diġà sostnejt, l-evalwazzjoni tal-istat tal-ilmijiet tal-wiċċ hija bbażata fuq analiżi tal-istat ekoloġiku li tkopri ħames klassijiet [59] .

92. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li kull klassi, inkluż stat ekoloġiku tajjeb ħafna, hija ddeterminata skont *id-differenza* fir-rigward tal-*kundizzjonijiet ta' referenza* fis-sens tal-punt 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma, jiġifieri skont valuri normalment assoċjati ma' tip ta' korp tal-ilma f'kundizzjonijiet intatti. Għalhekk, dawn huma kundizzjonijiet normali tal-ilmijiet tal-wiċċ, li jikkonċernaw kull tip ta' korp tal-ilma [60], mingħajr madankollu ma jkunu ddefiniti mid-Direttiva dwar l-ilma.

93. Għaldaqstant, stat ekoloġiku tajjeb fis-sens tal-Anness V jitqies li jikkorrispondi ma' distorsjoni dgħajfa li tirriżulta mill-attività tal-bniedem meta mqabbel mal-istat normalment assoċjat mat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ ikkunsidrat fil-kundizzjonijiet intatti. Fi kliem ieħor, iktar ma tkun kbira d-differenza fir-rigward tal-istat mhux mittiefes jew storiku tal-korpi tal-ilma, iktar l-istat ekoloġiku ta' korp tal-ilma jitqies li jkun ġie suġġett għal degradazzjoni.

57 — L-analiżi preżenti ma tikkonċernax ilmijiet ta' taħt l-art u korpi tal-ilma modifikati ħafna jew artifiċjali.

58 — Għal preżentazzjoni fid-dettall tas-sistema ta' klassifikazzjoni, ara Common Implementation Strategy, Guidance Document n° 13 intitolat "Overall approach to the classification of ecological status and ecological potential".

59 — Fir-rigward tal-istat kimiku, id-Direttiva dwar l-ilma tipprevedi żewġ klassijiet.

60 — Għal preżentazzjoni tat-tipi A u B u kategoriji ta' korpi, ara Annessi II u V tad-Direttiva dwar l-ilma.

94. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-istat ekoloġiku, l-Istati Membri għandhom jibbażaw ruħhom fuq l-*elementi ta' kwalità bijoloġika* li jikkostitwixxu l-bażi, ikkompletati bl-*elementi fiżiko-kimiċi* u bl-*elementi idromorfoloġiċi*[61]. Kull wieħed minn dawn l-elementi ta' kwalità jinkludi lista twila ta' parametri[62]. Listi separati huma previsti għax-xmajjar, lagi, ilmijiet temporanji jew ilmijiet tal-kosta.

95. Sussegwentement, sabiex tiġi kkwantifikata d-differenza bejn il-kundizzjonijiet normali u l-istatus attwali ta' korp tal-ilma, l-Istati Membri huma marbuta jelaboraw *proporzjonijiet ta' kwalità ekoloġika* (iktar 'il quddiem "PKE"). Il-PKE jirrappreżenta relazzjoni bejn il-valuri ta' parametri bijoloġiċi osservati għal korp tal-ilma tal-wiċċ partikolari u l-valuri ta' dawn il-parametri fil-kundizzjonijiet ta' referenza applikabbli għal dan il-korp[63]. Il-proporzjon huwa espress fil-forma ta' valur numeriku bejn żero u wieħed. L-istat ekoloġiku tajjeb ħafna huwa rrappreżentat b'valuri viċin il-wieħed u l-istat ekoloġiku ħażin b'valuri viċin iż-żero.

96. Għaldaqstant, huwa biss f'dan l-istadju avvanzat li l-Istati Membri jqassmu l-PKE ta' kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ f'ħames klassijiet permezz ta' valur limitu tal-*elementi ta' kwalità bijoloġika* li tindika l-fruntiera bejn dawn il-klassijiet differenti (tajjeb ħafna, tajjeb, moderat, fqir u ħażin)[64]. Il-valuri limiti għandhom jiġu stabbiliti bl-għajnuna tal-*eżerċizzju tal-interkalibrar*[65] li jikkonsisti fil-paragun tar-riżultati tal-klassifikazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ għal kull element bijoloġiku u għal kull tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ fost l-Istati Membri fl-istess grupp ta' interkalibrar ġeografiku, u fl-evalwazzjoni tal-koerenza tar-riżultati mad-definizzjonijiet normattivi msemmija fl-Anness V fis-sezzjoni 1.2 tad-Direttiva dwar l-ilma[66]. Madankollu, l-eżerċizzju ta' interkalibrar iservi biss sabiex jiddelimita l-istati ta' klassijiet "tajjeb ħafna", "tajjeb" u "moderat"[67]. Il-valuri limiti tal-Istati Membri huma inklużi fid-"deċiżjoni ta' interkalibrar" adottata mill-Kummissjoni[68].

97. Fl-aħħar nett, ir-regola primordjali, invokata mill-Kummissjoni, hija dik deskritta mill-formola "*one out all out*"[69]. Skont l-imsemmi prinċipju, korp tal-ilma huwa kklassifikat fi klassi inferjuri ladarba l-proporzjon ta' wieħed mill-elementi ta' kwalità jaqa' fil-livell li jikkorrispondi mal-klassi attwali. Din it-teknika hija marbuta mad-definizzjoni tal-"istat ta' ilma tal-wiċċ" mogħtija mill-Artikolu 2(17) tad-Direttiva dwar l-ilma li għandha tiġi ddeterminata skont l-agħar valur tal-istat ekoloġiku jew tal-istat kimiku tiegħu.

61 — Għal kull tip ta' korp tal-ilma, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw għalhekk il-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi u fiżiko-kimiċi li jirrappreżentaw il-valuri tal-elementi ta' kwalità li jinsabu fil-punt 1.1 tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma. L-imsemmija Stati għandhom ukoll jidentifikaw il-kundizzjonijiet ta' referenza bijoloġiċi li jirrappreżentaw il-valuri tal-elementi ta' kwalità li jinsabu fil-punt 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma.

62 — Ara, point 1.2.1. tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma. Għal elementi ta' kwalità bijoloġiċi, hemm inkwistjoni, b'mod partikolari, l-istima tal-fitoplankton, tal-makrofiti u tal-fitobentos, tal-fawna bentika invertebrata u tal-fawna tal-ħut. Għal elementi idromorfoloġiċi, hemm inkwistjoni l-istima tal-kwantità u tad-dinamika tal-ilma ġieri, tal-konnessjoni mal-ilmijiet taħt l-art, tal-kontinwità tax-xmara, tat-tip ta' kanali, ta' varjazzjonijiet tal-għoli jew tal-wisa', tal-istruttura tal-istat tax-xtajtiet. Għall-elementi ta' kwalità fiżiko-kimika, hemm inkwistjoni l-istima tas-salinizzazzjoni, tal-bilanċ fl-ossiġnu, tal-kundizzjonijiet termali, tal-pH, ta' sustanzi speċifiċi li jniġġsu.

63 — Skont il-punt 1.4. 1(ii) tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma.

64 — Skont il-punt 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma.

65 — Stabbilit fil-punti1.4.1(iv) sa (ix) tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma.

66 — Ara premessa 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-20 ta' Settembru 2013 li tistabbilixxi skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri għall-klassifikazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri wara l-eżerċizzju ta' interkalibrar u li tabroga d-Deċiżjoni 2008/915/KE (ĠU L 266/1).

67 — Ara l-Anness V, punt 1.4.1.(iii) tad-Direttiva dwar l-ilma.

68 — Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2013 imsemmija iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69 — Li tinsab fil-punt 1.4.2.(i) tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma.

3. Konsegwenzi dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "deterjorazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma

98. Fid-dawl tal-analiżi preċedenti, huwa ċar li s-sistema ta' klassifikazzjoni tikkostitwixxi strument ta' portata transversali, li fuqha hija bbażata s-sistema ta' ġestjoni stabbilita mid-Direttiva dwar l-ilma. Dan huwa kkonfermat mill-Artikolu 2(21) tad-Direttiva dwar l-ilma li jirreferi għall-klassifikazzjoni skont l-Anness V tagħha. L-imsemmi anness jikkwalifika dawn il-klassifikazzjonijiet tal-istat ekoloġiku bħala "definizzjonijiet normattivi".

99. Madankollu, huwa wkoll inkontestabbli li d-determinazzjoni tal-valuri limiti bejn il-klassijiet timplika l-adozzjoni ta' skali kunsiderevolment kbar. Għalhekk, il-klassijiet huma biss strument li jikkonfina jew jillima l-azzjoni fid-dettall tal-Istati Membri li tikkonsisti fid-determinazzjoni tal-elementi ta' kwalità li jirriflettu stat reali ta' korp tal-ilma partikolari. Għaldaqstant, jidhirli li huwa minħabba din ir-raġuni li l-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva dwar l-ilma ma jirreferix għall-Anness V tagħha, peress li l-kunċett ta' deterjorament, kunċett klassiku tad-dritt tal-ilmijiet, huwa kunċett ta' portata globali f'dan il-qasam li jeċċedi t-teknikalità tad-Direttiva dwar l-ilma.

100. Konsegwentement, bejn iż-żewġ teoriji opposti li ġew invokati iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li l-interpretazzjoni l-iktar ibbilanċjata u koerenti fir-rigward tal-għanijiet li jirriżultaw mill-Artikoli 1 u 4 tad-Direttiva dwar l-ilma, hija dik li jitqies li l-kunċett ta' "deterjorazzjoni tal-istat ta' korp tal-ilma tal-wiċċ" għandu jiġi evalwat fir-rigward ta' kull element ta' kwalità li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-evalwazzjoni tal-istat ekoloġiku fis-sens tad-Direttiva dwar l-ilma, mingħajr ma dan ikun jimplika dejjem modifika ta' klassifikazzjoni.

101. Fil-fatt, għandu jitfakkar li billi adotta d-Direttiva dwar l-ilma, il-leġiżlatur kellu l-intenzjoni jenfasizza l-importanza tal-approċċ ekoloġiku fil-ġestjoni tal-ilma. Dan huwa wkoll l-approċċ sottostanti l-klassifikazzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ li jirrikjedi diversi eżiġenzi mill-perspettiva tal-istat ekoloġiku tagħhom jew tal-istat kimiku tagħhom. Dan l-approċċ huwa kkorroborat mill-applikazzjoni tal-prinċipju "one out all out" li jikkostitwixxi espressjoni partikolari tal-prinċipju ta' prekawzjoni [70]. Madankollu, nirrileva li l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju trendi ftit li xejn utli s-sistema ta' klassifikazzjoni bħala strument eventwali tat-teħid ta' deċiżjoni operazzjonali, peress li ċċaħħadha mill-funzjoni tagħha tal-medja (matematika) tal-indikaturi tal-istat ta' korp tal-ilma kkonċernat.

102. Fil-fatt, jidhirli li l-applikazzjoni tar-regola "one out all out" flimkien mat-teorija tal-klassijiet twassal għal riżultati kontraproduttivi. Għalhekk, bħall-Kummissjoni, jiena tal-fehma li l-adozzjoni ta' teorija tal-klassijiet għandha r-riskju li teskludi l-ilmijiet mill-klassi l-iktar baxxa tal-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni tad-deterjorament kif ukoll iddgħajjef il-protezzjoni tal-ilmijiet li jaqgħu fil-klassijiet l-iktar għolja. Għalhekk, fid-dawl tal-finalità tad-Direttiva dwar l-ilma, dan it-tip ta' korpi tal-ilma ħaqqu attenzjoni partikolari fil-kuntest tal-ġestjoni tal-ilmijiet. Huwa minnu li, skont il-prinċipju "one out all out", id-deterjorazzjoni ta' parametru wieħed hija biżżejjed sabiex ikun hemm żgradar tal-korp kollu. Għalhekk, wara tali żgradar, il-parametri l-oħra kollha jistgħu jiddeterjoraw mingħajr ma dan ikun jimplika ebda deterjorament skont it-teorija tal-klassijiet [71].

103. Għaldaqstant, jekk il-kunċett ta' deterjorament jiġi evalwat mill-perspettiva tal-klassijiet dan jirriżulta fit-tneħħija mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma tal-bidliet innumerabbli tal-istat tal-elementi ta' kwalità, li jikkompromettu t-twettiq tal-għan ta' din id-direttiva.

70 — Skont id-duttrina, dan iwassal madankollu ta' spiss għal sottoklassifikazzjoni, Ara, Josefsson H., Baaner, L., "The Water Framework Directive: A Directive for the Twenty-First Century?", *Journal of Environmental Law*, Vol. 23 (2011), nº 3, p. 471.

71 — F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jissemma' l-każ li fih l-istat ta' korp tal-ilma fl-intier tiegħu għandu jiġi kklassifikat bħala "ħażin" minħabba parametru wieħed biss. F'tali każ, minkejja li ebda degradazzjoni ma hija formalment possibbli, fir-realtà, kull degradazzjoni għandha tkun permessa fir-rigward tal-kumplament tal-parametri.

104. Barra minn hekk, mingħajr intenzjoni li nikkontribwixxi għal diskussjoni xjentifika li saret dwar is-suġġett tad-Direttiva dwar l-ilma, nirrileva l-eżistenza ta' diversi rimarki kritiki dwar il-mudell ta' klassifikazzjoni [72]. Għaldaqstant, jidher li fil-verità, l-imsemmija sistema twassal ta' sikwit għal riżultati approssimattivi jew insodisfaċenti fis-sens li ma tirriflettix stat attwali tal-ekosistema.

*105. A contrario*, għalkemm il-kunċett ta' "deterjorazzjoni" huwa interpretat b'riferiment għal element ta' kwalità jew għal sustanza, il-projbizzjoni ta' deterjorament tikkonserva l-effett utli kollu tagħha, peress li tinkludi kull bidla li tista' tikkomprometti t-twettiq tal-għan prinċipali tad-Direttiva dwar l-ilma.

106. Fl-aħħar nett, nirrileva li diversi partijiet jirreferu għall-istess dokument ta' orjentazzjoni tal-Kummissjoni [73] filwaqt li jisiltu konklużjonijiet kuntrarji. Skont dan id-dokument "fil-kuntest tal-Artikolu 4(7), l-għanijiet ta' prevenzjoni tad-deterjorazzjoni tal-istat ekoloġiku jirreferu għal bidliet fil-klassi pjuttost milli fil-klassijiet infushom. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma għandhomx bżonn jirrikorru għall-Artikolu 4(7) għal bidliet fi ħdan klassi".

107. F'dan ir-rigward, nirrileva ċerta konfużjoni bejn il-kunċett ta' deterjorazzjoni u nuqqas fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-ilma bħala tali. Fil-fatt, jidhirli li l-imsemmi dokument jikkonferma t-teżi li l-Istat Membru huwa marbut jadotta l-miżuri kollha li jippermettu li jintlaħaq stat tajjeb tal-korpi tal-ilma, b'mod partikolari, billi jimplementaw l-għanijiet ambjentali msemmija fl-Artikolu 4. *A contrario*, l-Istat Membru ma huwa suġġett għal ebda sanzjoni, jekk, minkejja l-isforzi tiegħu kollha, l-imsemmi stat ma jintlaħaqx. Fi kwalunkwe każ, kif jippreċiża l-Gvern tal-Ġermanja, dan id-dokument, minkejja li huwa utli ma huwiex vinkolanti. Barra minn hekk, huwa ma jikkostitwixxix komunikazzjoni tal-Kummissjoni fis-sens tal-ġurisprudenza fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni jew tas-sanzjonijiet finanzjarji [74].

108. Fi kwalunkwe każ, nixtieq nenfasizza li la l-kliem u lanqas il-finalità tad-Direttiva dwar l-ilma ma jippermettu, f'ebda każ, li tiġi kkonfermata l-eżistenza ta' livell *de minimis* għall-finijiet ta' teorija ta' deterjorazzjoni gravi, kif ippreżentata mill-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, l-uniku livell minimu tal-obbligi ta' protezzjoni tal-istat tal-ilmijiet huwa dak li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni diġà fis-seħħ, skont il-premessa 51 tad-Direttiva dwar l-ilma, moqrija flimkien mal-Artikoli 4(8)u (9) u 11(3)(a) tagħha.

109. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għat-tieni u għat-tielet domandi preliminari tkun li l-kunċett ta' deterjorazzjoni għandu jiġi interpretat b'riferiment għal sustanza jew għal element ta' kwalità li jagħmlu parti mill-evalwazzjoni tal-istat ekoloġiku fis-sens tal-Anness V tad-Direttiva dwar l-ilma, mingħajr ma l-bidla tkun neċessarjament timplika modifika tal-klassifikazzjoni. Tali modifika għandha madankollu tirriżulta mill-ipoteżi jew mill-valur ta' sustanza jew ta' element ta' kwalità taħt il-livell li jikkorrispondi mal-klassifikazzjoni attwali.

72 — Għalhekk, b'mod partikolari, jingħad li huwa iktar raġonevoli li jitqies li stat tajjeb ħafna huwa ekwivalenti għal kundizzjonijiet ta' referenza. Barra minn hekk, ġie enfasizzat li sabiex jiġu ddeterminati l-limiti bejn il-klassijiet, għandha tittieħed bħala bażi analiżi purament xjentifika li l-metodoloġija tagħha tkun fil-verità għadha ma ġietx stabbilita. Ara, studju Van de Bund, W., Solimini, A., Ecological Quality Ratios for Ecological Quality Assessment in Inland and Marine Waters, Rebecca Deliverable 10, Joint Research Centre, Institute for Environment and Sustainability 2007, p. 10.
http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/111111111/10875/2/6757%20-%20Deliverable_10_1%200recc.pdf . Ara, wkoll Moss, B., The determination of ecological status in shallow lakes – a tested system (Ecoframe) for implementation of the European Water Framework Directive, KOPS 2003.

73 — Ara Guidance Document n° 20, intitolat "Exemptions to the Environmental Objectives", op. cit.

74 — Ara sentenzi Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 211 sa 213), kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-70/06, EU:C:2008:3, punt 34).

## V – **Konklużjoni**

110. Nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari kif ġej:

1) L-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, kif emendata bid-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma marbuta, bla ħsara għall-għoti ta' deroga skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli, jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni ta' proġett meta dan jista' jipprovoka deterjorament tal-istat tal-korp ta' ilma tal-wiċċ jew meta jista' jikkomprometti l-kisba ta' stat tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ jew potenzjal ekoloġiku tajjeb jew stat kimiku tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ fid-data prevista mill-imsemmija direttiva.

2) Il-kunċett ta' "deterjorazzjoni tal-istat", li jinsab fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2000/60, kif emendata bid-Direttiva 2009/31, għandu jiġi interpretat fis-sens li jirreferi għas-sustanza jew għall-element ta' kwalità li jagħmlu parti mill-evalwazzjoni tal-istat ekoloġiku fis-sens tal-Anness V tal-imsemmija direttiva, mingħajr ma l-bidla tkun neċessarjament timplika modifika tal-klassifikazzjoni fis-sens tal-imsemmi anness. Tali modifika għandha madankollu tirriżulta mill-ipoteżi jew mill-valur ta' sustanza jew ta' element ta' kwalità taħt il-livell li jikkorrispondi mal-klassifikazzjoni attwali.